**63. Il-Viċi Prim Ministru, Ministru tal-Intern u Ġustizzja l-Onor. Guido De Marco jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura fuq dawn l-Abbozzi ta' Liġi u fuq ir-Riżoluzzjoni hawn taħt indikati:-

1. Abbozz ta' Liġi dwar il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni;

2. Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar il-Kursaal;

3. Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali;

4. Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta;

5. Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Self għall-Iżvilupp; u

6. Riżoluzzjoni dwar il-post għall-bini ta' Power Station.

A. Illi d-diskussjoni fuq l-istadji kollha tal-Abbozz ta' Liġi dwar il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni ma għandhiex tieħu aktar minn tliet seduti fit-Tieni Qari, u żewġ seduti għall-Kumitat u t-Tielet Qari;

B. Illi d-diskussjoni fuq it-Tieni Qari ta' l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar il-Kursaal m'għandhiex tieħu iktar minn seduta waħda; u seduta oħra fuq l-istadju tal-Kumitat u t-Tielet Qari;

C. Illi l-kumplament tad-diskussjoni fuq it-Tieni Qari ta' l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali m'għandhiex tieħu iktar minn seduta waħda; u jkun hemm żewġ seduti għall-Kumitat u t-Tielet Qari;

D. Illi l-kumplament tad-diskussjoni fuq it-Tieni Qari, u l-Kumitat u t-Tielet Qari ta' l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali m'għandhomx jieħdu iktar minn seduta waħda billi t-Tieni Qari għandu jieqaf meta wara li jispiċċa jitkellem l-Onor. Membru "in possession of the House" isir il-winding up; u l-Kamra mbagħad tgħaddi minnufih għall-Kumitat u t-Tielet Qari ta' l-istess Abbozz ta' Liġi;

E. Illi l-kumplament tad-diskussjoni fuq it-Tieni Qari ta' l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Self għall-Iżvilupp m'għandhiex tieħu iktar minn seduta waħda; u jkun hemm seduta waħda għall-Kumitat u t-Tielet Qari;

F. Illi d-diskussjoni fuq ir-Riżoluzzjoni dwar il-lokal fejn se jsir il-Power Station m'għandhiex tieħu iktar minn seduta waħda, meta fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol titqiegħed kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex il-Kamra tiddeċiedi dwar din ir-riżoluzzjoni.

Illi aktar minn stadju wieħed jista' jittieħed fl-istess seduta, fuq kull wieħed minn dawn l-Abbozz ta' Liġi;

Illi fid-diskussjonijiet kollha fuq dawn l-Abbozzi ta' Liġi u fuq ir-Riżoluzzjoni msemmija hawn fuq, il-ħin għandu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema ta' l-Oppożizzjoni,

bil-winding up għall-Gvern fil-każ tat-Tieni Qari ta' kull Abbozz ta' Liġi u fil-każ tar-Riżoluzzjoni; u illi fil-qsim ta' ħin indaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni, fil-każ ta' l-Abbozz ta' Liġi dwar is-Sigurta' Soċjali, għandu jitqies il-ħin li diġa' ttieħed miż-żewġ naħat tal-Kamra fuq dan it-Tieni Qari;

Illi fl-aħħar seduta mħollija għal kull wieħed minn dawn l-Abbozzi ta' Liġi, fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol għandha titqiegħed mingħajr diskussjoni kull mistoqsija li jkun hemm bżonn, biex l-Abbozz ta' Liġi jgħaddi mill-bqija ta' l-istadji tiegħu kollha f'dik is-seduta; iżda anke meta jkun għadda l-ħin ta' l-interruzzjoni ta' xogħol, Ministru jista' jressaq emendi, klawsoli u skedi ġodda mingħajr avviż, li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi, klawsoli, klawsoli ġodda mingħajr avviż, skedi jew skedi ġodda mingħajr avviż, titqiegħed mingħajr diskussjoni;

Illi fil-każ ta' kull wieħed minn dawn l-Abbozzi ta' Liġi, wara li dan ikun irrapportat il-Kumitat tiegħu jew il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, il-Kamra tgħaddi minnufih għat-Tielet Qari tiegħu; u

Illi l-votazzjonijiet kollha li jistgħu jintalbu fi kwalunkwe stadju fuq dawn l-Abbozzi ta' Liġi għandhom jittieħdu fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta li fih ikunu ntalbu, billi jekk f'dan il-ħin jerġgħu jintalbu, l-ewwel votazzjoni tittieħed wara ħames minuti minn dan il-ħin, u l-votazzjonijiet l-oħra kollha, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament warajha.

24.03.1988